MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru 13/2003

PULIZIJA
SPETTUR  MARIO TONNA
VS
ELBOZIDI MOHAMMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Elbozidi Mohammed ta’ 28 sena imwieled Tripoli Libja nhar it-12 ta’ Dicembru 1974 bin Apskaim u Aethwn u residenti Mavis Flat 6 Triq il-Bajja Marsascala u detentur tal-karta tal-identita numru 23495A talli nhar il-5 ta’ Jannar 2003 ghal habta ta’ 5.30am gewwa triq San Gorg Paceville San Giljan attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi min servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mil-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni ta’ PS1479 A Kelly, PC224 Jason Farrugia, PC713 Falzon Christopher u PC463 Jonathan Farrugia dan ai termini tal-artikolu 96 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli taht l-istess lok, hin u cirkotanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz publiku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-ervizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-ewwel akkuza kif wkoll gewwa l-Ghassa ta' San Giljan fuq il-persuni ta' PC442 N Spiteri u dan ai termini tal-artikolu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ikkaguna griehi hfief fuq l-istess persuni bhala ufficjali pubblici tal-korp tal-pulizija imsemmija u cioe fuq il-persuna ta' PC713 Christopher Falzon u PC224 Jason Farrugia skond kif iccertifikaw Dr C Mercieca MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u Dr Kevin Zammit MD tal-isptar San Luqa u dan ai termini tal-artikoli 221 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija that l-istess lok u cirkostanzi mill-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija hawn fuq u dan ai termini tal-artikolu 338(cc) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkommetta hsara fuq l-uniformi tal-Kuntistabbli 463 Jonathan Farrugia membru tal-korp tal-pulizija ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 325(1C) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli taht l-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjement kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti b'sentenza moghtija mill-Magistrat Antonio Mizzi LL.D. nhar l-10 ta' Ottubru 2002.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tas-6 ta' Jannar 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzu kif dedotti fil-konfront tieghu u obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghal hsarat kagunati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza uwara li rat Art 96, 95, 221, 338(ee), 325(1C),338(dd) u 28A tal-kap 9 u Art 10 tal-kap 152 u tikkundanna ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------